# ID-DAWL

MARZU 2020 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 27

"Dejjem kunu qalbkom tajba ma' wliedkom."



L-Etiketti | Il-Ġenerazzjoni Futura | Il-Mexxejja ta' Għada | Itolbu għat-Tfal

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-ETIKETTI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien saħaq li t-tfal għandhom jibdew jitgħallmu l-etiketti mill-bidu tat-tfulija tagħhom. Huwa kien ġie rrappurtat li kien ta l-parir li ġej lil Ħażrat Imam Ħasan[ra], in-neputi tiegħu stess, waqt li dan kien qed jiekol. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qallu:

**"Kul b'idek tal-lemin u mill-porzjon li hemm quddiemek."**

Ħażrat Imam Ħasan[ra] dak iż-żmien kellu biss xi sentejn u nofs.

Fil-qosor, il-formazzjoni fit-tfulija hija importanti ħafna, il-għaliex dak li jissawwar f'dan iż-żmien jerġa' jispikka meta wieħed isir adult. Għalhekk, huwa ferm importanti li t-tfal jiġu mgħallma anke l-etiketti bażiċi fit-tfulija tagħhom.

**ID-DAWL**

Marzu 2020 – Numru 27 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

**INDEX**

Etiquettes 2
The Future Generations 3
The Leaders of Tomorrow 4
Pray For Children 6
Virtue and Righteousness 7
The Study of Sciences 8

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
**Il-Qoxra:** FamVeld | Shutterstock

# IL-ĠENERAZZJONI FUTURA



Mahathir Mohd Yasin | Shutterstock

Fid-dinja tal-lum, jinħass ħafna l-bżonn li l-ġenituri għandu jkollhom sehem akbar fit-trobbija ta' wliedhom u jieħdu b'aktar serjetà r-responsabbiltà sħiħa tagħhom biex jiddixxiplinaw lit-tfal tagħhom, ħalli dawn isiru persuni ta' utilità kbira għas-soċjetà. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes:

> Ir-rikkezzi u t-tfal huma ornament tal-ħajja ta' din id-dinja. Iżda ħidma siewja li ttul hija aħjar f'għajnejn il-Mulej tiegħek, milli premju immedjat, u aħjar għat-tama fil-ġejjieni. (18:47)
>
> Toqtlux lil uliedkom minħabba l-biża' tal-faqar; huwa Aħna li nipprovdu għalikom u għalihom, u tersqux lejn għemejjel diżonesti, la fil-beraħ u lanqas bil-moħbi. (6:152)
>
> Għal Alla s-saltna tas-smewwiet u tal-art. Huwa joħloq dak li Jixtieq. Huwa jagħti t-tfal bniet lil min Jixtieq, u jagħti t-tfal subien lil min Jixtieq, jew Iħallathom, subien u bniet; u jagħmel lil min Irid sterili. Bla dubju, Huwa Jaf Kollox u Hu Setgħani. (42:50-51)
>
> O umanità, Aħna ħlaqniek minn raġel u mara; u Qsamniek fi tribujiet u f'aktar tribujiet ħalli tagħrfu lil xulxin. Tassew, dak li huwa l-aktar rispettat fostkom, quddiem Alla, huwa l-aktar onest minnkom. Bla dubju, Alla Jaf Kollox, Konxju ta' Kollox. (49:14)

# IL-MEXXEJJA TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni MFWS, taħt il-gwida tal-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, il-President Emeritus, organizzat l-ewwel forum interreliġjuż immexxi mit-tfal f'Malta.

Din kienet idea tassew sabiħa li t-tfal jiġu edukati lejn id-dmirijiet u l-obbligi tagħhom bħala ċittadini responsabbli. Għax huwa fit-tfulija li ż-żerriegħa tinżera' u l-impressjonijiet isiru fil-fond. U meta t-tfal jikbru huma diġà lesti biex jilqgħu għall-isfidi tal-ħajja u sabiex jistgħu jibnu soċjetà aħjar u armonjuża u jgħixu f'ambjent paċifiku mal-oħrajn.

Jien dejjem nemmen li ż-żgħażagħ tal-lum huma l-forza, it-tama u l-mexxejja ta' għada. It-tfal huma l-ġejjieni ta' nazzjon. Għalhekk, huwa importanti ħafna li jingħataw it-trobbija xierqa u siewja.



**Għandna niżirgħu fihom iż-żerriegħa tal-paċi, li jnibbtu t-tolleranza, ir-rispett u l-għaqda u mhux tal-mibegħda u l-firda. Għandhom jiġu ttrattati sewwa, u jkunu mgħallma tajjeb l-edukazzjoni, bl-aqwa manjieri possibbli.**

L-Iżlam jagħti importanza kbira lit-trobbija tat-tfal. Għall-ġenerazzjoni futura, il-Koran Imqaddes jgħallem lis-soċjetà b'mod uniku. Huwa jgħallem li biex tinkiseb l-aqwa relazzjoni bejnek u bejn uliedek, huwa fundamentali wkoll li r-relazzjoni bejnek u bejn il-mara tiegħek għandha tkun eċċellenti.

Jekk il-ġenituri verament jixtiequ li t-tfal tagħhom jikbru biex isiru membri ta' soċjetà ġusta, għandhom jiftakru li r-relazzjonijiet partikolari bejn il-miżżewġin se jilagħbu rwol importanti fit-tisħiħ jew fit-tkissir tal-karattru ta' wliedhom.

Skont it-tagħlim Iżlamiku, it-talb huwa importanti ħafna għat-trobbija tajba tat-tfal. Il-Koran Imqaddes jgħallem lill-ġenituri talb mill-isbaħ.

> **"Sidna (il-Mulej) agħtina fin-nisa tagħna u f'uliedna hena għall-għajnejn, u agħmilna ta' eżempju tajjeb għall-ġusti." (25:75)**

Din it-talba għandha ċertu seħer u hija mimlija b'għerf profond. Il-ġenituri huma mgħallma biex jitolbu għal xulxin u għal uliedhom ħalli Alla jipprovdilhom dejjem sodisfazzjon u kuntentizza kbira minn xulxin u minn uliedhom u jagħmel lit-tfal tagħhom il-mexxejja ta' ġenerazzjoni onesta u li għandha l-biża' ta' Alla.

Iż-żgħażagħ tal-lum huma verament il-mexxejja ta' għada. Għalhekk, il-ġenituri m'għandhomx jinsew id-dmirijiet tagħhom biex jipprovdu l-aħjar trobbija lil uliedhom u t-tfal għandhom jiftakru li huma l-futur u dejjem jagħmlu minn kollox biex jiksbu l-aħjar edukazzjoni u valuri morali għoljin.

# ITOLBU GĦAT-TFAL

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"In-nies ikollhom xewqa kbira li jkollhom it-tfal u t-tfal jingħataw lilhom. Imma qatt ma nosservaw li dawn iħabirku biex jagħmluhom qaddejja ta' Alla li jkunu twajbin, devoti, u ubbidjenti.

Lanqas qatt ma jitolbu għalihom, jew iżommu quddiem għajnejhom livelli differenti ta' trobbija [jiġifieri, ma jaġixxux skont il-ħtiġijiet tal-ġurnata].

Il-pożizzjoni personali tiegħi [f'dan ir-rigward] hija li m'hemm l-ebda *Salat* [talba] minn tiegħi li fiha jiena ma nitlobx bil-ħerqa għall-ħbieb tiegħi, għas-segwaċi tiegħi, għat-tfal tiegħi, u għall-mara tiegħi.



Fotokita | Shutterstock

Hemm għadd ta' ġenituri li qed jgħallmu lil uliedhom vizzji ħżiena. Meta jibdew għall-ewwel darba jitgħallmu l-ħażen, dawn ma jwiddbuhomx. Ir-riżultat ikun li, jum wara l-ieħor, dawn isiru aktar avventurużi u kuraġġużi fl-għemejjel ħżiena tagħhom.

Tingħad storja fejn tifel kien se jiġi mgħallaq għall-atti kriminali tiegħu. Fl-aħħar mumenti tiegħu, huwa wera x-xewqa li jara lil ommu. Meta din waslet, resaq qribha u qalilha, 'Irrid nerdagħlek ilsienek.' Meta ħarġet ilsienha 'l barra, huwa gidimhulha. Meta ġie mistoqsi, huwa wieġeb, 'Din ommi hija l-kawża tas-sitwazzjoni miskina li ninsab fiha. Kieku tat kasi fil-ħin kieku ma kontx nispiċċa b'dan il-mod.'

Ikun biżżejjed li ngħidu li n-nies ikunu jridu t-tfal mhux biex isiru l-qaddejja tal-fidi iżda biex ikunu l-eredi tagħhom f'din id-dinja. Meta jitwieldu t-tfal, ma tingħatax attenzjoni lit-trobbija tagħhom, il-perċezzjonijiet tagħhom ma jiġux iċċarati, u l-morali tagħhom ma jiġux irregolati." (*Malfużat*, Vol. 1, paġna 562)

# IL-VIRTÙ U L-ĠUSTIZZJA

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Messija Mwiegħed, il-Maħdi u l-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jikteb:

"Fil-Koran Imqaddes hemm aktar enfasi fuq il-virtù u l-ġustizzja milli fuq kull kmandament ieħor. Ir-raġuni għal dan huwa li l-ġustizzja tagħti s-saħħa biex wieħed jirreżisti l-ħażen kollu u tħeġġeġ ix-xewqa għal aktar ġid. Il-ġustizzja fiċ-ċirkostanzi kollha hija seħer li jiggarantixxi s-sigurtà u hija fortizza li tipproteġi kontra kull ħażen.

Persuna ġusta tista' tevita ħafna argumenti vojta u perikolużi li ħafna drabi jwasslu nies oħra għar-rovina. Dawn jiżirgħu ż-żerriegħa ta' nuqqas ta' qbil fost in-nies permezz ta' azzjonijiet mgħaġġla u suspetti u jħallu lilhom infushom suxxettibbli għall-oġġezzjoni." (*Ayyam-us-Sulh, Ruhani Khazain*, v. 14, p. 342)

## L-ISTUDJU TAX-XJENZI MODERNI

"Jiena nikkonsidra bħala żbaljati dawk il-kjeriċi Musulmani li jopponu l-akkwist tal-għarfien fix-xjenzi moderni.

Il-għaliex meta jagħmlu hekk, ifittxu li jostru l-iżball u d-dgħufija tagħhom. Huma jaħsbu li r-riċerka li ssir fil-qasam tax-xjenzi moderni tbiegħed lin-nies mill-Iżlam u tiżgwidahom.

Huma jasserixxu li r-raġuni u x-xjenza jmorru għalkollox kontra l-Iżlam. Minħabba li huma m'għandhomx il-ħila li juru d-difetti fil-filosofija huma stess, sabiex jaħbu l-inkapaċità tagħhom stess, ħolqu l-idea li huwa kontra l-liġi li wieħed jistudja x-xjenzi moderni. Irwieħhom jirtogħdu quddiem il-filosofija u jċedu mal-ewwel quddiem ir-riċerka moderna."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Malfużat* – Vol. 1, p. 43)

## IR-RESPONSABBILTÀ

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

> **"Kull wieħed minnkom huwa mexxej u jkollu jwieġeb f'isem is-sudditi tiegħu."**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**